# Aħbarijiet mill-Iskola







- Waħda mill-iktar attivitajiet li kienu ta' suċċess kienet l-Isports Day li saret fil-25 ta' Mejju fil-grawnd u s-sala tal-iskola. It-tfal kollha u l-ġenituri / kustodji tagħhom ħadu sehem f'logħob differenti. Kien ta' pjaċir li tara lil kulħadd jieħu gost flimkien u jipparteċipa.

- Aħbar sabiħa ħafna kienet li bħala skola ngħatajna l-'Green Flag' għall-ħidma kollha li l-istudenti tal-iskola tagħna għamlu matul is-sena fil-programm tal-EkoSkola. Dan il-premju huwa prestiġjuż ħafna u se jkollna ċelebrazzjoni tal-għotja fis-sena skolastika li jmiss, għal ħabta tax-xahar ta' Novembru.



- Flimkien mal-iskola ta' Ħal Kirkop, ġiet organizzata ħarġa edukattiva għall-ġenituri u kustodji li esperjenzaw żjara fil-Palazz Verdala. Għalkemm xtaqna li jkun hemm numru akbar ta' nies li jattendu, kellna kummenti sbieħ ħafna fuq din l-attività. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-Amministrazzjoni tal-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop .

- F'nofs ix-xahar ta' Mejju għamilna l-Kunċert tal-Familja fejn l-istudenti kollha tal-iskola ħadu sehem bit-talenti tagħhom fuq il-palk. Fl-istess jum, il-Kappillan tar-raħal mexxa quddiesa għal dawk kollha preżenti fis-sala tal-iskola.

- Bdew l-eżamijiet tal-Benchmarks għall-istudenti tas-Sitt Sena. Dawn kellhom eżamijiet tat-taħdit fl-aħħar jumejn ta' Mejju u se jkollhom il-kumplament matul l-ewwel ġranet ta' Ġunju.

- Bħala għeluq tas-sena skolastika fil-Pixxina Nazzjonali ġie organizzat 'Aquatic Festival' bil-parteċipazzjoni tal-klassijiet tal-Ħames Sena ta' kull Kulleġġ. Dawn l-istudenti pparteċipaw f'attivitajiet fejn użaw it-tagħlim li ħadu matul il-lezzjonijiet tal-għawm li kellhom matul is-sena.



## GRAZZI

***L-Amministrazzjoni, l-Istaff u l-Kunsill Skolastiku jixtiequ jirringrazzjaw lill-Ġenituri, lill-Kustodji u lill-Istudenti tal-koperazzjoni li sibna matul is-Sena Skolastika 2011-2012.***